**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 7 ta' Lulju, 2016

Rikors numru : 37/2016 AL

AB

vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fil-hamsa u ghoxrin ta' Mejju tas-sena elf disgha mija wiehed u disghin (25/5/1991) u minn dan iz-zwieg twieldu t-tfal Malcolm u Jan ;

Illi l-partijiet huma legalment separati b'kuntratt ta' separazzjoni datat tmintax ta' April tas-sena elfejn u wiehed (18/4/2001) fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono u li gie insinwat fir-Registru Pubbliku fl-20 ta' April 2001 (kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok "A");
Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra illi ilhom snin twal mifrudin, illum

ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda;

Illi l-kundizzjonijiet kollha misjuba fil-kuntratt ta' separazzjoni fuq imsemmi qieghed jigi rrispettat miz-zewg partijiet ;

Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-12 ta' Frar, 2016;

Rat l-affidavit bix-xhieda tar-rikorrenti;

Semghet lill-avukat difensur tal-intimat tiddikjara illi l-intimat mhuwiex jopponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta' April 2001;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.